MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 210/2005

**Fl-atti ta' Mandat ta' Qbid Numru 1690/2003 fl-ismijiet:**

**Mizzi Automotive Services Ltd**

**Vs**

**David Mifsud**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih Joseph Mifsud wara li ppremetta illi hu s-sid tal-fond "Gardell", Flat 1, Triq ix-Xitwa, San Pawl il-Bahar, kif ukoll tal-mobbli li jinsabu fih, u dan peress illi huwa jikri l-istess fond furnished;

Illi r-rikorrenti sar jaf illi l-mandat hawn fuq indikat ser jigi ezegwit fl-imsemmi fond, permezz ta' sgass, u dan fuq il-mobbli proprjeta' tieghu;

Illi l-istess rikorrenti m'huwiex debitur tas-socjeta' Mizzi Automotive Services Limited.

Illi huwa diga' ntavola protest f'dan is-sens fit-30 ta' Marzu 2005, kopja ta' liema protest qeghda tigi annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok JM.

Talab bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tordna illi l-mandat hawn fuq imsemmi ma jigix esegwit fil-fond hawn fuq imsemmi u b'mod paritkolari fuq il-mobbli li jinsabu fl-istess fond u dan stante illi l-istess mobbli huma lkoll proprjeta' tar-rikorrenti u mhux tad-debitur David Mifsud, salv kull provvediment li joghgobha taghti l-istess Qorti.

Rat l-anness <u>Dok JM</u> a fol 2 tal-atti.

Rat l-atti tal-istess mandat <u>esekuttiv</u> a fol 4 sa fol 14 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Mizzi Automotive Services Ltd (C 23947) a fol 17 ibid u li biha esponiet bir-rispett:

1. Illi r-rikors ta' Joseph Mifsud huwa rritu u null peress illi r-rimedju spettanti lir-rikorrent mhuwiex dak odjern.
2. Illi bla pregudizzju ghall-premess David Mifsud gie kanonizzat debitur tas-socjeta' esponenti permezz tas-sentenza msemmija fl-atti tal-mandat ta' qbid hawn imsemmi u ghalhekk is-socjeta' esponenti ghandha kull dritt totjeni l-pagament tal-kreditu lilha dovut illi sallum ghadu ma giex saldat.

Ghaldaqstant it-talbiet ta' Joseph Mifsud ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat dak verbalizzat a fol 19 tal-atti u li minnu jidher li s-socjeta' intimata qed taghmel referenza ghall-artikoli 283(A) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat, ukoll, fol 21, fol 22 u fol 23 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-artikolu citat is-socjeta intimata waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju 2005, jispecifika illi kontra minn jinhareg att esekuttiv jista' jintavola rikors u jitlob li l-istess att jithassar 'in toto' jew 'in parti' ghal raguni valida fil-ligi.

Illi r-rikors in esami, filfatt, gie presentat mhix mill-persuna li kontra taghha nhareg il-mandat in esami izda minn terza persuna u ghalhekk jidher li r-rikorrenti ma ghandux rimedju taht l-artikolu 283A hawn fuq citat peress li hu persuna estranea ghall-istess att.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax takkolji t-talba kif proposta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess rikors.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------